**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Frar , 2016

Rikors Nru : 149/2014 AL

**Avukat Dr. Peter Fenech bhala mandatarju**
**specjali tal-assenti C D(KI 57566A)**

**-vs-**

**A B (KI 0113770A)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

1. Illi miz-zwieg bejn il-partijiet, celebrat fis-16 ta' Dicembru 1995 gewwa Giavera del Montello gewwa l-Italja, il-partijiet ghandhom tliet (3) ulied, G li twieldet fil-25 ta' Ottubru 2001, V li twieldet fis-17 ta' Novembru 2003 u PL li twieled fl-1 ta' Jannar 2006 (kopja tal-karti tal-identita` rispettivi tat-tliet ulied hija annessa u mmarkata Dok. A, B u C).
2. Illi l-partijiet isseparaw konsenswalment fis-16 ta' Novembru 2011 quddiem it-Tribunal ta' Treviso gewwa l-Italja (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni hija annessa u mmarkata Dok. D).

3. Illi l-intimata A B f'Settembru 2013 irrilokat flimkien mat-tliet ulied tal-partijiet gewwa Malta, u dan wara li r-rikorrent ma oggezzjonax ghal tali rikjesta.
4. Illi fid-9 ta' Gunju 2014, ir-rikorrent C Dintavola talba mar-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex il-partijiet jissejhu sabiex jidhru quddiem medjatur skont il-ligi sabiex jigu regolarizzati kwistjonijiet dwar il-kura u kustodja, manteniment, access u kwistjonijiet ohra li jirrigwardaw l-imsemmija minuri.
5. Illi kontestatwelment mal-istess ittra ghall-medjazzjoni, ir-rikorrent C Dtalab illi l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), ai termini tal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilita` tal-genituri, titlob lit-Tribunale di Treviso *qua* Qorti kompetenti skont il-ligi Taljana sabiex tassumi l-gurisdizzjoni fuq il-kaz odjern.
6. Illi r-rikorrent C Dtalab ukoll il-hrug ta' Mandat ta' inibizzjoni ta' impediment ta' partenza fil-konfront tal-minuri G, V u PL, liema talba giet milqugha.
7. Illi fl-24 ta' Gunju 2014, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) laqghat it-talba tar-rikorrent C Dsabiex it-Tribunale di Treviso jassumi l-gurisdizzjoni tal-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 776/14(AL).
8. Illi r-rikorrent C Dghandu interess li l-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14 (AL) fl-ismijiet premessi jibqa` fis-sehh tul il-procediment tal-medjazzjoni quddiem it-Tribunale di Treviso, stante li minghajr dan l-istess mandat, l-intimata tista facilment tiehu lill-minuri fl-esteru u taqta` l-kuntatt minn mar-rikorrent missierhom.
9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab ghar-ragunijiet suesposti il-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14 (AL), komprizi dawk l-ordnijiet moghtija bis-sahha tal-istess mandat lill-ufficjali msemmija fil-mandat, sakemm jinqatghu u jsiru *res judicata* l-proceduri rinvjati quddiem it-Tribunale di Treviso fl-Italja numerati 776/14(AL).
2. Tordna u tiddikjara li t-tfal minuri G, V u PL ahwa Dfuq imsemmija ma ghandhomx jittiehdu barra minn Malta mill-intimata u tinibixxi definittivament lill-intimata minn li tiehu l-minuri G, V u PL barra minn Malta;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numerat 153/14 (AL) mahrug kontra l-intimata li tibqa` ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici in konsegwenza tad-digriet taghha stess tal-24 ta' Gunju 2014 li bih giet milqugha talba sabiex it-Tribunale di Treviso jassumi l-gurisdizzjoni tal-ittra tal-medjazzjoni numru 776/14AL permezz ta' liema u beda l-procedura li ghaliha huwa kien ikkawtela ruhu permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14AL li issa tieghu huwa qed jitlob konferma quddiem din il-Qorti;
2. Illi minghajr pregudizzju, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi l-azzjoni kif imressqa mir-rikorrent hija nieqsa minn bazi legali valida u hija ghalhekk legalment improponibbli l-ghaliex permezz tat-talbiet attrici qed jintalab li jigu rezi perpetwi effetti ta' mandat illi l-Ligi stess tikkontempla biss bhala mizura kawtelatorja;
3. Illi minghajr pregudizzju it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress illi ma tezisti ebda bazi fattwali li tiggustifika l-inibizzjoni perpetwa li l-minuri jittiehdu barra minn Malta;
4. Illi talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi f'kull kaz l-kwistjoni tal-kura u kustodja u drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kwalita taghhom ta' ġenituri ta' uliehdom minuri G li twieldet fil-25 ta' Ottubru 2001, V li twieldet fis-17 ta' Novembru 2003 u PL li twieled fl-1 ta' Jannar 2006, ser jigu talvolta determinati fil-proceduri inizzjati permezz tal-ittra tal-medjazzjoni numru 776/2014AL u li issa tinsab soggetta ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunale di Treviso;

Bl-ispejjez u bir-rikorrent ingunt minn issa in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet ;
Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza li fiha l-attur qed jitlob li l-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14 AL jigi ikkonfermat, sakemm jinqatghu u jsiru *res judicata* l-proceduri li jinsabu rinvjati quddiem it-Tribunale di Treviso. L-attur talab ukoll biex il-Qorti tordna u tiddikjara li t-tfal minuri G, V u PL ahwa Dm'ghandhomx jittiehdu barra minn Malta.

Illi permezz ta' risposta l-konvenuta qalet li din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u dan peress illi giet milqugha t-talba biex it-Tribunale di Treviso jassumi l-gurisdizzjoni ta' l-ittra tal-medjazzjoni numru 776/2014Al, u qalet ukoll li t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda minhabba nuqqas ta' bazi legali, li ma tezisti l-ebda bazi li tiggustifika l-inibizzjoni perpetwa tal-minuri li jittiehdu barra minn Malta u li f'kull kaz it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## Verzjoni attur

L-attur jixhed darbtejn, darba permezz ta' affidavit bil-lingwa Taljana[1] u darb' ohra *viva voce*[2]. In sintezi l-attur jghidx, illi hu zzewweg lill-konvenuta fis-16 ta' Novembru 1995 u ssepara konsenswalment minn ma' martu b'decizzjoni tat-Tribunal ta' Treviso tas-16 ta' Novembru 2011. Minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal li lkoll huma minuri, G, V u PL. Fis-sena 2013 il-konvenuta staqsiet lill-attur biex tigi tghix Malta mat-tlett itfal u l-attur ma oggezzjonax. Huwa intavola ittra ta' medjazzjoni fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) numru 776/2014AL biex ibiddel xi disposizzjonijiet tal-kuntratt ta' separazzjoni. Huwa talab li din il-procedura ta' medjazzjoni tigi trasferita quddiem it-Tribunal ta' Treviso, liema talba giet milqugha fl-24 ta' Gunju 2014, u ghalhekk huwa intavola mandat ta' inibizzjoni datat 9 ta' Lulju 2014 numru 149/2014AL u talab biex il-minuri msemmija ma jittiehdux barra minn Malta sakemm jerga' jigi diskuss il-kuntratt ta' separazzjoni fit-Tribunal ta' Treviso. Madanakollu, l-partijiet qablu li l-minuri jistghu jivvjaggaw bejn Malta u l-Italja.

---

[1] Ezebit a fol 28 tal-process u immarkat bhala Dok FG1
[2] A fol 86 et seq tal-process, xhieda datata 24 ta' Gunju 2015

Huwa jghid li meta l-konvenuta giet Malta bit-tfal, hija bdiet taghmel il-bsaten fir-roti biex l-attur jezercita' l-access bil-modalitajiet stabbiliti mill-Qorti Taljana u ma bdietx thallih jorqod fid-dar. Ghalhekk biex ikollu access ghal uliedu kellu jibda jhallas lukanda kull darba ghalih u ghal uliedu. Huwa jghid li fl-Ghid tas-sena 2014 il-konvenuta kienet marret ghand il-genituri taghha fl-Italja b'dan li huwa ltaqa' maghhom b'kumbinazzjoni hemmhekk u dan wara li beda jcempel id-dar u ma beda jwiegbu hadd. Ghalhekk peress li beda jara li l-konvenuta ma kenitx qed tobdi l-ordnijiet moghtija mit-Tribunal ta' Treviso, u biex jissalvagwardja l-interessi ta' uliedu, huwa ghamel rikors fejn talab li jinhareg mandat ta' inibizzjoni biex it-tfal ma jinhargux minn Malta. Huwa jghid li qieghed jaffaccja hafna diffikultajiet biex jara l-uliedu u jsemmi tlett episodji partikolari, darba f'Dicembru 2014 meta kien diga' qieghed fuq l-ajruplan fl-ajruport ta' Treviso u l-konvenuta baghtet *email* biex tinfurmah biex ma jinzilx Malta u kellu jerga' jinzel mill-ajruplan, u jerga' jixtri biljett ta' l-ajru ghat-28 ta' Dicembru 2014 meta gie Malta u qaghad mat-tfal id-dar, izda l-konvenuta kienet harget mid-dar u hadet l-unika *heater* li kellhom. Darb' ohra gie Malta u ma sab lil hadd id-dar u l-konvenuta waslet siegha u ftit wara u qaltlu li kienet insiet li kellu jigi. Darba ohra kien wasal Malta u l-konvenuta qaltlu biex ma jinzilx peress li kellhom in-nies id-dar, fil-fatt mar id-dar u ma kien hemm hadd id-dar u kellu jmur f'lukanda u spicca jara t-tfal l-ghada fil-lukanda u mhux fid-dar. Hu jghid li hemm bzonn li l-mandat ta' inibizzjoni jibqa' *in vigore* u dan peress li ma jafx fejn tmur il-mara, ma jafx fejn tohrog u ma min u ma jridx jissogra illi ma jarax izjed lit-tfal. Hu jghid li l-konvenuta nehhiet il-*wifi* ghal xhur shah biex hu ma jikkomunikax mat-tfal u meta jkellem lil uliedu fuq *skype* hi tkun qeghda ddur u tissorvelja kollox.

L-attur jghid li l-passaporti tat-tfal jinsabu fl-Ambaxxata Taljana f'Malta pero' xorta jistghu jsiefru peress li ghandhom karta ta' identita' Taljana. L-Italja ma hemmx il-procedura tal-mandat ta' inibizzjoni u jekk imur l-Ambaxxata Taljana bi qbil mal-konvenuta, l-ambaxxata taghtih id-dokumenti kollha, imma hu ma jistax imur wahdu.

**<u>Verzjoni konvenuta</u>**

L-attrici xehdet permezz ta' affidavit datat 22 ta' Ottubru 2014[3] u ikkonfermat li zzewget lill-attur fis-16 ta' Dicembru 1995 fi Treviso l-Italja u kellhom tlett ulied, ilkoll minuri. Fil-11 ta' Novembru 2011 l-Qorti ta' Treviso laqghet is-separazzjoni konsenswali ta' bejniethom u huma ghandhom il-kura u kustodja kongunta ta' uliedhom. F'Awissu 2013, huma ftehmu li t-tfal jigu Malta biex jistudjaw u jitghallmu l-Ingliz u effettivament jabbandunaw l-iskola Taljana u hekk ghamlu u l-attur beda jigi Malta kull xahar biex jara lil uliedu. Hija tghid li l-attur assuma r-responsabbilita' li jhallas ghall-edukazzjoni, il-kera u l-manteniment tat-tfal. Hi tghid li fil-perjodu illi ilha Malta qatt ma ppruvat twaqqaf lill-attur milli jiltaqa' mat-tfal jew twaqqfu milli jottjeni l-informazzjoni li ghandu bzonn dwar l-iskola u sahhithom, izda l-konvenut qed issostni l-oppost quddiem il-qrati ta' Malta u tal-Italja.

**Il-provi migbura**

L-attur ipprezenta l-atti tal-mandat in kwistjoni, numru 153/2014[4]. Gew ipprezentati wkoll ghadd ta' dokumenti li juru li l-minuri effettivament jmorru l-iskola San Andrea, email mibghuta li tindika illi l-attur jhallas l-ispejjez ghall-minuri, kopja ta' dokument li jidher li huwa rikors li pprezenta l-attur fit-Tribunal ta' Treviso, dokument ta' kumpannija registrata f'Malta, kopja ta' dokument mahruga mill-ambaxxata Taljana f'Malta, kopja ta' certifikat datat 20 t'Ottubru 2014 li jindika li l-konvenuta kellha ssiefer biex taghmel operazzjoni f'ghajnejha, kopja ta' dokument li jidher li hu rikors intavolat mill-konvenuta fil-Qorti ta' Treviso, prokura li ghamlet il-konvenuta lill-avukat taghha fl-Italja, kopja ta' dokument datat 13 ta'Mejju 2014 li jidher li huwa ordni mill-Qorti ta' Treviso biex jigu ritirati l-passaporti tal-minuri, kopji ta' dokumenti mahruga mill-iskola San Andrea, kopji ta' emails varji mibghuta bejn il-partijiet bejniethom li jirrigwardaw l-modalitajiet tal-access, il-kustodja u l-manteniment tal-minuri, kopji ta' dokumenti li jidhru li huma mahruga minn bank f'Zagreb il-Kroazja u li minnhom qed isir hlas lill-iskola San Andrea.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[3] A fol 32 tal-process
[4] A fol 5 sa 21 tal-process

Il-mandat ta' inibizzjoni huwa imnissel fl-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

*873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma.*

*(4) Jekk jiġi ppruvat permezz ta' rikors għas-sodisfazzjon tal-qorti li wara l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita aġixxiet direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-qorti, il-qorti għandha, mingħajr preġudizzju dwar kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inħareġ il-mandat sabiex tirrimedja dak li jkun sar bi ksur tiegħu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jagħmel bi spejjeż tal-persuna inibita.*

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tieghu[5] jghid li kellha tigi intavolata din il-kawza biex il-mandat 153/14 AL jibqa' *in vigore* sakemm jigu mitmuma l-proceduri ta' medjazzjoni u/jew proceduri civili bejn il-partijiet, u dan peress li skont hu l-agir tal-konvenuta huwa sors ta' inkiwet u hija qeghda tinjora l-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet rigwardanti l-minuri. Illi huwa minnu li skont dak ikkontemplat fl-Artikolu

[5] Ara fol 129 sa fol 132 tal-process

873(2) ta-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti laqghet il-mandat 153/14AL ghaliex hasset li r-rikorrenti prima facie jidher li ghandu l-jeddijiet imsemmija fil-mandat innifsu.

L-artikolu 876A tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta jghid hekk,

*876A. Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 829 sa 844 jgħoddu għal mandat ta' inibizzjoni.*

Illi l-Artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid is-segwenti :

*843. (1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat*[6]*: Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda' jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-qorti imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati.*

*(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.*

Illi dan l-artikolu jaghmilha cara li trid issir kawza fi zmien ghoxrin jum minn meta jinhareg il-mandat ghall-jedd imsemmi fil-mandat innifsu u fin-nuqqas, l-effetti tal-mandat jieqfu. Il-Ligi ipprefiggiet dan it-terminu ta' zmien ghaliex persuna ma tistax tibqa' inibita milli taghmel xi haga ghal dejjem izda jrid jinghata terminu.

Il-Qrati taghna mhux l-ewwel darba li kellhom talbiet ghal konferma ta' mandat ta' inibizzjoni, kif hija wara kollox postulata l-kawza odjerna, izda l-Qorti dejjem qalet li talba ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni permezz ta' sentenza jista' jigi milqugh biss dejjem jekk akkumpanjat minn talba ghall-jedd pretiz kif jikkontempla l-Artikolu 843 tal-Kap 12 tal-

[6] Emfazi ta' din il-Qorti

Ligijiet ta' Malta. It-talba wahedha ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni ma tigix milqugha. Fil-kawza **Jeremy Cassar Torreggiani u Mario Hammett pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 t'April 2014)** nghad hekk[7] *"Permezz tal-ewwel talba l-attrici talbet lill-qorti sabiex "Tikkonferma il-mandat ta' inibizzjoni minnha mahruga fl-20 ta' Gunju 2011". Permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 786/2011 mahruga fl-20 ta' Gunju 2011, il-qorti inibit lill-konvenut milli "...jwaqqaf, jaghlaq, ifixkel jew b'xi mod iehor jostakola t-thaddim ta' The Villa, Le Meridien, Bajja tal-Balluta, il-Balluta, San Giljan kif imhares bil-permessi u licenzji*
*BAR/0393/4 u SB/3055, liema licenzji huma annessi mal-Lukanda Le Meridien u dan kif johrog mill-istess licenzji u permessi.". L-azzjoni li trid issir wara mandat ta' inibizzjoni hi dik ghall-jedd pretiz. Certament li din m'hijiex it-talba sabiex l-inibizzjoni jigi kkonfermat (ara per ezempju Connie Galea et vs Joseph Galea deciza millQorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997, Vol. LXXXI.ii.720)."*

Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina et vs Dione Bartolo** deciza fid-29 ta' Settembru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, l-Qorti qalet hekk, *"Fil-kawza "Sullivan vs Stivala et" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta` Marzu 1992, kienet saret talba wahda semplici u cioe` il-konferma ta` mandat kawtelatorju. Hemm il-Qorti qalet li ma hemm l-ebda fondament legali sabiex issir talba ta` dik ix-xorta stante li "il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b`citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma' rikonferma ta` digriet gja` moghti."*

*Kull meta saru talbiet sabiex qorti tikkonferma mandat ta` inibizzjoni "sic et simpliciter" il-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta` cahda ghaliex filwaqt li l-mandat johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt "prima facie", fil kawza trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu ("Giordmaina vs Giordmaina" – PA/GV - 7 ta` Novembru 1995 ; "Axisa vs Patiniott" – PA/AM - 21 ta` Marzu 1996 ; u "Cuschieri vs Grech noe" – PA/GV - 9 ta` Jannar 1997). Fil-kawza "Cassar vs Mallia" (PA/JF - 22 ta` Mejju 1995) inghad hekk – "Li kieku l-attur strah u llimita*

[7] Din il-kawza sal-gurnata tal-lum ghadha ma gietx reza *res judicata* u dan peress li qeghda pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell

*ruhu ghall-ewwel talba biss (konferma b` mod definittiv tal-Mandat ta` Inibizzjoni), allura il-konvenut kien ikollu ragun li jeccepixxi n-nullita` tal-azzjoni attrici. F`dan is-sens ukoll inghataw is-sentenzi citati mill-konvenut bhal "Sullivan vs Stivala et" (13 ta` Marzu 1992) u "Galea vs Gauci" (4 ta` Ottubru 1993). A differenza ta` dawn id-decizjonijiet, l-attur zied talba addizzjonali li tindika kjarament li l-bazi tal-azzjoni attrici tohrog mill-fatt li x-xogholijiet de quo kienu qed isiru fuq proprjeta` komuni ..."*

Illi ghalhekk il-qrati taghna dejjem cahdu kawza ta' din it-tip. L-attur hawnhekk ma rabatx it-talbiet tieghu ma' dritt kontemplat fil-mandat ta' inibizzjoni. Madanakollu l-Qorti mhux se tichad it-talbiet ta' l-attur ghal din ir-raguni[8].

Ghalkemm din il-Qorti, diversament preseduta gieli laqghet talbiet ta' dan it-tip, li kienu allaccjati ma talbiet marbutin mal-kura u kustodja u access tal-minuri[9], ma tarax ghalfejn kellha tigi istitwita din il-kawza biex il-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14AL jigi ikkonfermat ghal zmien indeterminat sakemm jigu mitmuma l-proceduri bejn il-partijiet.

Il-Qorti diga' ikkwotat l-Artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-Artikolu 877 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car, fir-rigward ta' kemm ghandu jdum fis-sehh dan il-mandat.

*877. (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.*

*(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.*

*(3) Il-mandat għandu jiġi wkoll notifikat: (a) lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ ta' passaporti b'ordni biex ma joħroġx, u/jew jikkonsenja, passaport li fih ikun hemm imdaħħal il-persuna ta' taħt l-età u biex ma jdaħħalx isem dik*

[8] Skond kif kontemplat fit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

[9] Ara kawza deciza fil-31 ta' Mejju 2012, cit numru 364/2009, **GH pro et noe vs TP**

*il-persuna taħt l-età fil-passaport tar-rappreżentanti legali tagħha jew fil-passaport ta' persuna oħra; u (b) lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ordni biex ma jħallix lil dik il-persuna ta' taħt l-età titlaq minn Malta.*

*(4) Jekk, qabel in-notifika tal-mandat lill-uffiċjal inkarigat mill-ħruġ tal-passaporti, ikun diġà inħareġ passaport f'isem il-persuna ta' taħt l-età jew isem il-minorenni kien diġà mdaħħal fil-passaport ta' ħaddieħor, dak l-uffiċjal għandu jaġixxi biex jirtira l-passaport li fih tkun imdaħħla dik il-persuna ta' taħt l-età u kull passaport ieħor li fih ikun imdaħħal isem il-persuna ta' taħt l-età, u biex iħassar isem dik il-persuna minn dak il-passaport.*

*(5) Il-mandat għandu jkun fih l-isem u l-kunjom tal-persuna ta' taħt l-età u kull partikolarità oħra, kif jista' jkun preskritt f'regolamenti, b'mod li min jiġi notifikat bil-mandat ikun jista' jagħraf sew min hi l-persuna ta' taħt l-età.*

*(6) Kull min ikun ġie notifikat bil-mandat u, b'mod dirett jew mhux dirett, jieħu l-persuna ta' taħt l-età, jew jippermetti li dik il-persuna tittieħed barra minn Malta, ikun ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tal-qorti.*

*(7) Il-mandat li l-effett tiegħu ma jkunx spiċċa għal raġunijiet oħra, jibqa' jseħħ għal sena li tibda għaddejja minn dak in-nhar li jinħareġ*[10]*, kemm-il darba, f'dan iż-żmien, ma jiġix mogħti lir-rikorrent, fuq rikors tiegħu, it-tiġdid taż-żmien.*

*(8) It-tiġdid ta' dak iż-żmien jista' jingħata iżjed minn darba waħda, iżda ma jistax jingħata għal żmien itwal minn sena kull darba*[11]*.*

*(9) Id-digriet li bih jingħata t-tiġdid taż-żmien għandu jkun fih imsemmi sa liema ġurnata l-mandat għandu jibqa' jseħħ.*

*(10) Id-digriet li bih jingħata t-tiġdid taż-żmien għandu jkun notifikat lill-persuni msemmijin fis-subartikoli (2) u (3).*

[10] Emfazi ta' din il-Qorti
[11] Ibid.

*(11) Ebda waħda mill-persuni hekk notifikati ma tinkorri ebda responsabbiltà jekk, wara li jagħlaq iż-żmien hawn fuq imsemmi, oriġinali jew imġedded, u qabel ma jiġi lilha nnotifikat id-digriet tat-tiġdid taż-żmien, taġixxi bħallikieku l-mandat ma baqax iseħħ.*

*(12) In-nuqqas ta' talba għat-tiġdid taż-żmien mhuwiex ta' impediment għall-ħruġ ta' mandat ġdid.*

Ghalhekk ghalkemm il-mandati kontemplati fl-Artikoli 873, 874 u 876 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma jibqghux fis-sehh jekk ma ssirx kawza biex jinghata d-dritt kontemplat fl-istess mandat, l-Artikolu 877 ma jikkontemplax li trid issir kawza biex jibqa' validu jew li hemm bzonn ta' xi titolu ezekuttiv biex il-mandat jibqa' validu.

Il-mandat ta' inibizzjoni kif imnissel fl-Artikolu 877 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jibqa' validu biss ghal perjodu ta' sena minn meta jigi mahrug, u mhux iktar, sakemm ma ssirx talba f'dak is-sens, liema zmien ma jistax jigi imgedded ghal iktar minn sena kull darba. Madanakollu jekk ma jintalabx lill-Qorti biex iggeded dak it-terminu, l-istess persuna li tkun ghamlet l-ewwel mandat tista' xorta wahda tintavola mandat iehor.

Ghalhekk din il-Qorti certament li ma tistax tmur kontra l-Ligi u tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 153/14AL b'mod indeterminat u perpetwu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad it-talbiet ta' l-attur, b'dan li qed jigi riservat il-jedd tal-konvenuta kontemplat fl-artikolu 877(12) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur.